Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,753, 18 ta' Diċembru, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LXVI tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex iwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u jemenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċertu attivitajiet relatati mal-kannabis.

ACT No. LXVI of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to establish the Authority on the Responsible Use of Cannabis and to amend various laws relating to certain cannabis activities.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

18 ta' Diċembru, 2021

ATT Nru LXVI tal-2021

ATT sabiex iwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u jemenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċertu attivitajiet relatati mal-kannabis.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

ARRANĠAMENT TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1
Taqsima II	Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis	2-20
Taqsima III	Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta	21-22
Taqsima IV	Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż	23-25
Taqsima V	Emendi għall-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja	26-27
Taqsima VI	Emendi għall-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)	28-31

TAQSIMA I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti u dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

TAQSIMA II
Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jipprovdu għat-twaqqif tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis imwaqqfa b'dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli.

Twaqqif tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

3. (1) Għandu jkun hemm imwaqqaf korp li jkun magħruf bħala l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Awtorità li tirregola l-użu tal-kannabis għal skopijiet li ma jkunux mediċi jew xjentifiċi u li twettaq ħidmiet, inkluż kif imfisser fis-subartikolu (3), biex twettaq harm reduction mill-użu tal-kannabis. L-Awtorità għandha wkoll tassisti awtoritajiet oħra tal-infurzar u regolatorji fil-ġlieda kontra l-kriminalità li tinvolvi l-qasam tal-mediċini perikoluż.

(3) Bla ħsara għall-ġeneralità tal-funzjonijiet tagħha kif imfissra fis-subartikolu (2), l-Awtorità għandu jkollha d-dmirijiet u l-funzjonijiet li ġejjin u tista':

(a) tissottometti proposti u rakkomandazzjonijiet lill-Gvern dwar politika nazzjonali dwar l-użu responsabbli tal-kannabis li tkun tagħti konsiderazzjoni xierqa lis-sitwazzjoni speċifika u r-rekwiżiti ta' Malta minn żmien għal żmien;

(b) tipparteċipa fil-proċess nazzjonali tal-ippjanar dwar il-politika soċjali u l-politika dwar il-mediċini perikoluż;

(ċ) timmonitorja l-użu tal-kannabis f'Malta, ħlief użu

għal għanijiet mediċi jew xjentifiċi, jew direttament jew billi tikkummissjona stħarriġ u studji professjonali oħra;

(d) taġixxi ta' regolatur u twettaq kull funzjoni li tista' tiġi assenjata lilha skont xi liġi dwar kull organizzazzjoni privata li l-attivitajiet tagħha jkunu jinvolvu l-kultivazzjoni u l-pussess tal-kannabis għat-tqassim fost il-membri tagħha;

(e) torganizza jew tippromwovi kampanji edukattivi dwar l-użu responsabbli tal-kannabis imsejsa fuq fatti xjentifiċi u fuq l-għan tat-tnaqqis tal-ħsara filwaqt li tingħata informazzjoni ċara u imparzjali dwar ir-riskji u l-elementi l-oħra tal-użu tal-kannabis b'referenza għall-età u b'kontenut xieraq, filwaqt li tippromwovi djalogu miftuħ dwar is-suġġett;

(f) torganizza jew tippromwovi t-taħriġ ta' uffiċjali li jaħdmu ma' persuni li jużaw il-kannabis;

(g) tagħti parir dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kannabis u twettaq kull xogħol ieħor relatat mal-analiżi tal-użu tal-kannabis kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jitlob;

(h) minn żmien għal żmien twettaq analiżi tal-programmi u strutturi edukattivi dwar attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-kannabis u tal-politiki dwar il-kannabis, li tirrakkomanda titjib f'dawk il-programmi u politiki u tidentifika s-sorsi għat-taħriġ tal-persuni fl-oqsma rilevanti ta' attività sabiex tiżgura d-disponibbilità kontinwata ta' persunal adegwatament kwalifikat;

(i) tamministra kull allokazzjoni mill-estimi li tista' tiġi assenjata lilha għal għanijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-użu responsabbli tal-kannabis jew ma' dawk l-għanijiet l-oħra li jistgħu jkunu marbuta ma' dik l-allokazzjoni tal-estimi;

(j) tippromwovi komunikazzjoni u koordinazzjoni effettiva ma' entitajiet tal-gvern u ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu ma' min juża' l-kannabis jew li jkunu involuti fil-formulazzjoni tal-politiki relatati mal-kannabis;

(k) tidentifika żviluppi barra minn Malta li jkollhom x'jaqsmu mal-użu tal-kannabis u li jkunu ta' interess dirett u ta' rilevanza għal Malta;

(l) twaqqaf banek ta' data u tikseb aċċess għal banek ta' data internazzjonali fil-qasam tal-użu tal-kannabis;

(m) taġixxi bħala punt ta' kuntatt dwar diversi organizzazzjonijiet reġjonali, interreġjonali, u internazzjonali u biex torganizza l-parteċipazzjoni f'seminars, konferenzi u fi gruppi ta' azzjoni u gruppi ta' xogħol li jkunu ta' rilevanza għall-interessi ta' Malta fil-qasam tal-attività tal-Awtorità;

(n) twaqqaf netwerks ta' persuni professjonali u ta' organizzazjonijiet biex jassistu fil-formulazzjoni ta' politiki u fl-implimentazzjoni ta' programmi, u biex jimmonitorjaw oqsma ta' importanza relatati mal-użu responsabbli tal-kannabis li jkunu ta' interess għal Malta;

(o) twettaq kull funzjoni oħra mhux koperta mill-paragrafi preċedenti ta' dan is-subartikolu li jkollha x'taqsam mal-użu responsabbli tal-kannabis hekk kif il-Ministru jista' jiddelegalha;

(p) twettaq kull funzjoni oħra li tkun anċillarja jew li twassal għall-funzjonijiet, dmirijiet u għanijiet tal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tkun korp li jkollu personalità ġuridika distinta minn dik tal-Gvern u għandha tkun kapaċi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tidħol f'kuntratti, li jkollha u tkun tista' tiddisponi minn proprjetà ta' kull tip għall-iskop tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u tiġi mħarrka u li tidħol fit-transazzjonijiet l-oħra kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha.

(5) L-Awtorità għandha tikkonsisti minn Bord u minn Direttorat.

(6) Ir-rappreżentazzjoni legali u ġuridika tal-Awtorità għandha tkun vestita fiċ-Chairperson:

Iżda l-Bord tal-Awtorità jista' jaħtar lil Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew lil wieħed jew iktar mill-membri tal-persunal tad-Direttorat biex jidhru f'isem l-Awtorità fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u fi kwalunkwe att, kuntratt jew strument jew kwalunkwe dokument ieħor.

(7) Kull dokument li jkun jidher li jkun strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità u ffirmat miċ-Chairperson f'isem l-Awtorità għandu jintlaqa' bħala prova, u sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jitqies li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Awtorità.

Bord tal-Awtorità.

4. (1) Il-Bord tal-Awtorità għandu jikkonsisti minn Chairperson u minn erba' (4) sa tmien (8) membri oħra maħtura mill-Ministru minn fost persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom esperjenza u għarfien tal-qasam ta' ħidma tal-Awtorità, jew esperjenza

VERŻJONI ELETTRONIKA

fil-qasam tal-għaqdiet mhux governattivi, jew esperjenza regolatorja oħra, jew li jkunu kwalifikati fix-xjenzi jew li għandhom esperjenza fir-riċerka, jew li għandhom esperjenza bħala edukaturi jew fl-eżerċizzju tal-professjoni legali ta' avukat, jew persuni li fil-fehma tal-Ministru jirrappreżentaw il-perspettiva wiesgħa tad-diversi opinjonijiet fl-oqsma b'interess fis-settur.

(2) Wieħed mill-membri tal-Bord tal-Awtorità għandu jinħatar mill-Ministru bħala Deputat Chairperson. Id-Deputat Chairperson għandu jkollu s-setgħat kollha u jaqdi d-dmirijiet kollha taċ-Chairperson waqt l-assenza taċ-Chairperson jew matul kwalunkwe perjodu fejn iċ-Chairperson ma jistax jaqdi l-funzjoni tiegħu għal kwalunkwe kawża oħra, jew waqt kwalunkwe post battal fil-kariga taċ-Chairperson.

(3) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe vakanza fil-kompożizzjoni tiegħu jew matul l-assenza ta' xi wieħed mill-membri tiegħu sakemm iċ-Chairperson jew id-Deputat Chairperson u kwalunkwe żewġ (2) membri oħra jkunu preżenti.

(4) Persuna ma għandhiex tkun kwalifikata biex tkun maħtura, jew biex tkompli tokkupa l-kariga, bħala membru tal-Bord jekk hi:

(a) interdetta jew inabilitata;

(b) tkun iddikjarata falluta; jew

(ċ) instabet ħatja ta' reat f'Malta jew barra minn Malta ħlief:

(i) reat ta' natura involontarja; jew

(ii) reat soġġett għall-piena stabbilita għal kontravvenzjonijiet.

(5) Għall-fini tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4), persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kif speċifikat f'dak il-paragrafu għandha xorta tkun skwalifikata milli jkollha l-kariga minkejja li xi penali mogħtija tkun ġiet sospiża jew tali persuna tkun ġiet meħlusa kondizzjonalment jew titpoġġa taħt probation mingħajr l-ebda impożizzjoni ta' penali jew tali persuna ngħatat sentenza skont l-Att dwar il-*Probation* mingħajr l-ebda impożizzjoni ta' penali. Kap. 446.

(6) Iċ-Chairperson u d-Deputat Chairperson u l-membri l-oħra tal-Bord għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet (3) snin u jkunu jistgħu jinħatru mill-ġdid.

(7) Il-membri tal-Bord għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni

kif il-Ministru jista' jiddetermina mal-ħatra tagħhom.

(8) Il-Ministru għandu jaħtar persuna li tkun avukat jew prokuratur legali jew uffiċjal pubbliku biex taġixxi bħala Segretarju għall-Bord.

Funzjonijiet tal-Bord.

5. (1) Il-Bord għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-politika li għandha tiġi adottata mill-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att. Meta jistabbilixxi dik il-politika l-Bord għandu jagħti konsiderazzjoni xierqa lill-politika tal-Gvern, lir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku u tas-saħħa pubblika u lid-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu f'soċjetà demokratika.

(2) Il-Bord għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att u skont kull politika stabbilita minnu.

(3) Il-Bord jista' minn żmien għal żmien, jekk jidhirlu xieraq, jagħmel regoli ġenerali għall-gwida tad-Direttorat fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u jista' f'kull ħin jirrevoka jew ivarja dawn ir-regoli.

(4) Il-Bord għandu wkoll jivverifika u japprova l-kontijiet tal-Awtorità u l-abbozzi ta' stimi u l-pjanijiet finanzjarji tal-Awtorità, imħejjija mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni qabel is-sottomissjoni finali tagħhom lill-Ministru skont dan l-Att.

(5) Il-Bord għandu jinżamm infurmat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni dwar it-tmexxija ġenerali tal-Awtorità.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jiddeċiedi li għal kull żmien determinat it-tmexxija ġenerali, l-azzjoni eżekuttiva, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha għandhom ikunu vestiti fiċ-Chairperson, li f'dak il-każ għandu matul dak iż-żmien iwettaq ukoll il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha mogħtija b'dan l-Att lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(7) Id-deċiżjoni tal-Ministru msemmija fis-subartikolu (6) għandha tingħata bil-miktub fl-ittra tal-ħatra taċ-Chairperson jew fi stadju aktar tard f'każ li l-kariga tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tkun vakanti. Meta ssir ħatra kif provdut fis-subartikolu (6), iċ-Chairperson għandu jissejjaħ Chairperson Eżekuttiv u l-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-persuna li tkun tokkupa dik il-kariga għandhom jiġu deċiżi mill-Ministru.

Id-Direttorat.

6. (1) Id-Direttorat tal-Awtorità għandu jikkonsisti mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li għandu jkun id-direttur tal-Awtorità,

minn Deputat Direttur u minn dawk l-uffiċjali l-oħra u l-impjegati tal-Awtorità li jistgħu jiġu ingaġġati mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun inkarigat mit-tmexxija ġenerali u l-azzjoni eżekuttiva tal-Awtorità u għandu jżomm lill-Bord infurmat dwar it-tmexxija ġenerali tal-Awtorità u dwar ir-riżultat tal-operat tal-Awtorità.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinħatar mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord, għal dak il-perjodu u skont dawk it-termini li l-Ministru jista', b'konsultazzjoni mal-Bord, jiddetermina.

(4) Id-Deputat Direttur u l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tad-Direttorat għandhom ikunu magħżula mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u ingaġġati mill-Awtorità skont dawk il-proċeduri u skont dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord jista' minn żmien għal żmien jiddetermina.

(5) L-Awtorità tista' taġixxi wkoll permezz ta' dawk il-kuntratturi li tista' minn żmien għal żmien tingaġġa:

Iżda dawn il-kuntratturi għandhom f'kull ħin jaġixxu skont dawk l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(6) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-persunal tad-Direttorat għandhom għall-finijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi, u għandhom jingħataw il-protezzjoni kollha u jistgħu jidħlu fir-responsabbiltà kollha bħala tali. Kap. 9.

(7) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-persunal tad-Direttorat għandhom, bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja f'dan l-Att jew fi kwalunkwe liġi oħra, jimxu ma' kwalunkwe kodiċi ta' etika applikabbli għal uffiċjali pubbliċi:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jista' jitqies li jipprekludi l-Bord milli jagħmel aktar regoli li jirregolaw l-aġir tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u tal-persunal tad-Direttorat biex jissupplimentaw kwalunkwe Kodiċi ta' Etika bħal dan.

7. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' mill-inqas għaxar (10) darbiet fis-sena b'dana li l-Bord għandu jiżgura li l-perjodu ta' żmien bejn laqgħa u oħra ma jkunux aktar minn dak ta' sitt (6) ġimgħat. Laqgħat oħra tal-Bord għandhom jissejħu kif jista' jkun meħtieġ. Laqgħat tal-Bord.

(2) Is-Segretarju għall-Bord għandu jieħu minuti tad-deċiżjonijiet fil-laqgħat tiegħu. Il-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju u miċ-Chairperson.

(3) Il-laqgħa tal-Bord għandha tkun ippreseduta miċ-Chairperson jew fl-assenza tiegħu mid-Deputat Chairperson.

(4) Deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u jivvutaw, u f'każ ta' voti ndaqs iċ-Chairperson, jew fejn il-laqgħa tkun preseduta mid-Deputat Chairperson, id-Deputat Chairperson għandu jkollu u jeżerċita t-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-kworum fil-laqgħat tal-Bord għandu jkun magħmul minn tliet (3) membri.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) tal-artikolu 5 l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun intitolat li jattendi l-laqgħat tal-Bord u li jieħu sehem fid-diskussjonijiet. Il-Bord jista' jistieden kwalunkwe membru ieħor tal-persunal tad-Direttorat biex jattendi laqgħa tal-Bord u biex jieħu sehem fid-diskussjonijiet. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat li jieħu sehem f'kull diskussjoni tal-Bord tal-Awtorità ma għandhomx jivvutaw fil-laqgħat li fihom jipparteċipaw:

Iżda ċ-Chairperson jista', jekk jidhirlu li huwa xieraq li jagħmel dan, fi kwalunkwe ħin jeskludi lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat mistieden biex jattendi għal laqgħa tal-Bord minn kwalunkwe laqgħa jew parti minnha.

(6) Kull parteċipazzjoni f'laqgħa tal-Bord ta' persuna li mhijiex intitolata li tkun preżenti ma għandhiex tinvalida l-proċedimenti tal-laqgħa u lanqas għandha din il-proċedura tkun invalidata jekk sussegwentement jiġi skopert li persuna aġixxiet *in bona fede* bħala membru u difett fil-ħatra tagħha jew fi kwalifika tagħha jiġi skopert wara.

(7) Avviż ta' ġimgħa għandu jingħata lill-membri tal-Bord għal kwalunkwe laqgħa tiegħu:

Iżda f'każ fejn tinqala' sitwazzjoni urġenti u deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minnufih, deċiżjonijiet meħuda minn tal-anqas żewġ (2) membri tal-Bord li wieħed minnhom ikun iċ-Chairperson jew id-Deputat Chairperson għandhom ikunu validi daqslikieku ttieħdu f'laqgħa tal-Bord imlaqqa' regolarment b'avviż xieraq.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

Ħatriet tal-persunal.

8. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Awtorità għandha ssir mill-Awtorità. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom ikunu stabbiliti mill-Awtorità bi qbil mal-Ministru.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ħatra u funzjonijiet ta' uffiċjali u impjegati tal-Awtorità.

9. L-Awtorità għandha taħtar u timpjega, b'dak il-ħlas u skont it-termini u l-kondizzjonijiet li tista' tiddetermina, dawk l-uffiċjali u l-impjegati tal-Awtorità li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni dovuta u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

Assenjazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi biex jaqdu dmirijiethom mal-Awtorità.

10. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Awtorità, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku għandu jiġi assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data kif jista' jkun speċifikat fl-ordni tal-Prim Ministru.

(2) Il-perjodu li matulu ordni bħal dik hawn aktar qabel imsemmija għandha tapplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha, għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx irtira mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra temm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jew kemm-il darba ma tiġix speċifikata data differenti f'dik l-ordni, itemm milli jibqa' jseħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni kemm-il darba l-ordni ma tiġix aktar kmieni revokata mill-Prim Ministru.

Status tal-uffiċjali pubbliċi assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Awtorità.

11. (1) Fejn uffiċjal jiġi assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih dik l-ordni jkollha effett dwaru, ikun taħt l-awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-Awtorità iżda huwa għandu għal kull għan u raġuni oħra jibqa' u jitqies u jiġi ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi:

(a) ma għandux waqt iż-żmien li matulu huwa hekk assenjat:

(i) jiġi prekluż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skont it-termini u l-kondizzjonijiet ta' servizz konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data meta huwa jiġi hekk assenjat għal dmirijietu; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data hawn aktar qabel imsemmija jew li kienu jkunu konnessi ma' dik il-ħatra, matul dak iż-żmien, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu mal-Awtorità jiġi meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u

Kap. 93.
Kap. 58.

l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li jkollu jedd għalih, u responsabbli għal kull responsabbili li dwarha huwa jkun responsabbli, ħlief għall-fatt li huwa jkun ġie assenjat biex iwettaq dmiru mal-Awtorità.

(3) Fejn issir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i) għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni daqslikieku l-applikant ma jkunx ġie assenjat għal servizz mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar l-ispiża tal-pensjonijiet u l-gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li fih huwa hekk assenjat.

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Awtorità għall-uffiċjali pubbliċi assenjati biex jaqdu dmirijiet mal-Awtorità.

12. (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil uffiċjal assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10 impjieg permanenti mal-Awtorità b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk it-termini u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jgawdi dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) It-termini u l-kondizzjonijiet f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi ma għandhomx jitqiesu bħala inqas favorevoli biss għaliex ma jkunux għalkollox identiċi jew superjuri għal dawk li l-uffiċjal involut ikun qiegħed igawdi fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk it-termini u kondizzjonijiet ikkunsidrati flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru, ikunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew akbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità li jiġi offrut lilu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu għall-għanijiet kollha minbarra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u b'riżerva għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), jitqies bħala li jkun temm is-servizz mal-Gvern u li jkun daħal fis-servizz mal-Awtorità fid-data tal-aċċettazzjoni tiegħu, u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sakemm japplika għalih, servizz mal-Awtorità għandu jitqies li hu servizz mal-Gvern fi ħdan it-tifsiriet tagħhom rispettivi.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal dak hawn aktar qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità, kellu jedd jikseb benefiċċju taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' jkollu dak il-jedd li jibbenefika taħtu għal kull skop bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(5) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu ddeterminati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fir-rigward tal-ispiża tal-pensjonijiet u l-gratwitajiet miksuba minn uffiċjal li aċċetta l-eżekuzzjoni tal-impjieg mal-Awtorità skont dan l-artikolu matul il-perjodu li jibda fid-data tal-aċċettazzjoni ta' dan l-uffiċjal.

(6) (a) Għall-għaniiet ta' dan l-artikolu, il-karigi u l-gradi tas-salarji mal-Awtorità għandhom jiġu kklassifikati fi gradi u livelli inkrementali fis-servizz taħt il-Gvern ta' Malta li jkunu l-aktar jikkorrispondu b'referenza għad-deskrizzjoni tax-xogħol, il-ħiliet, ir-responsabbiltajiet u fatturi analogi oħra.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn bord magħmul minn president maħtur mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi u żewġ (2) membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-politika tal-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Awtorità . Il-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha sseħħ fi żmien tliet (3) xhur minn kull aġġustament tas-salarji tal-impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew, tal-impjegati tal-Awtorità.

(d) Ebda kariga ma għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew fi grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien permezz ta' avviż fil-Gazzetta jiddetermina.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, l-ebda persuna ma tista', wara klassifikazzjoni kif intqal hawn qabel, tkun intitolata għal drittijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet inqas favorevoli minn dawk li hija kienet tkun intitolata għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni. Kap. 93.

Dritt tal-Awtorità li tikseb informazzjoni.

13. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat, awtorizzat minnu, għandu jkollhom is-setgħa li jfittxu u jiksbu mingħand kull awtorità pubblika kwalunkwe informazzjoni rigward kwalunkwe persuna jew rigward kwalunkwe kwistjoni, li tkun rilevanti għall-funzjonijiet tal-Awtorità u l-awtorità pubblika fil-pussess ta' dik l-informazzjoni għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, tkun obbligata tagħti lill- Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kwalunkwe membru bħal dak l-informazzjoni hekk mitluba:

Iżda fejn kwalunkwe awtorità pubblika tkun kisbet

informazzjoni minn kwalunkwe persuna jew awtorità fi kwalunkwe Stat għajr Malta permezz tal-operazzjoni ta' kwalunkwe trattat jew arranġament ma' dak l-Istat l-ieħor li fih Malta tkun parti, u dak it-trattat jew arranġament jipprovdi li kwalunkwe informazzjoni mgħoddija mill-operat ta' tali trattat jew arranġament ma tista' tiġi żvelata lil ebda persuna oħra ħlief bil-kunsens tal-persuna li tgħaddi l-informazzjoni mitluba, l-awtorità pubblika li mingħandha tkun mitluba l-informazzjoni tista' żżomm l-informazzjoni jekk tali kunsens ma jingħatax.

(2) L-informazzjoni msemmija taħt is-subartikolu (1) hawnhekk għandha tiġi pprovduta fi żmien mhux aktar minn tletin (30) jum mill-wasla tat-talba:

Iżda wara li tiġi murija raġuni tajba lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, tali perjodu jista' jiġi estiż mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għal tali perjodu jew perjodi oħra li huwa jista' jidhirlu raġonevoli.

Sena finanzjarja.

14. Is-sena finanzjarja tal-Awtorità għandha tibda fl-ewwel jum ta' Jannar u tintemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Awtorità tibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

Estimi u nefqa.

15. (1) L- Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu, mhux aktar tard minn sittax (16)-il ġimgħa qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jissottometti lill-Bord tal-Awtorità stimi tad-dħul u l-infiq tal-Awtorità għas-sena finanzjarja ta' wara.

(2) Fil-preparazzjoni ta' dawn l-estimi l-Awtorità għandha tagħmel ħiliha biex tiżgura li s-somom li għandhom jiġu allokati lill-Awtorità huma tal-inqas biżżejjed biex jilħqu s-somom kollha li jitħallsu fil-kontijiet tad-dħul u nfiq tagħha inkluż, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma, u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni, u tali paraguni ma' snin preċedenti, kif il-Bord jista' jordna.

(4) Mhux aktar tard minn tliet (3) ġimgħat minn meta jirċievi dawn l-estimi mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, il-Bord għandu jikkunsidra dawn l-estimi u għandu jibgħat l-istess bi jew mingħajr emendi lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu.

(5) Qabel tmiem is-sena finanzjarja, il-Ministru għandu japprova u jadotta dawn l-estimi b'emendi jew mingħajrhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Jekk fir-rigward ta' kwalunkwe sena finanzjarja jinstab li l-ammont hekk approvat ma jkunx biżżejjed jew tkun inqalgħet ħtieġa għal nefqa għal skop mhux provdut fl-estimi, l- Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jikkawża li jiġu ppreparati estimi supplimentari u jintbagħtu minnufih lill-Bord għat-trażmissjoni lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu, u fi kwalunkwe każ bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom kemm jista' jkun japplikaw għall-estimi supplimentari.

Avvanzi mill-Gvern.

16. Il-Ministru jista', waqt li jaġixxi skont xi Att ta' approprjazzjoni, jagħmel avvanzi u jipprovdi tali fondi lill-Awtorità biex twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, skont dawk l-estimi approvati skont l-artikolu 15.

Kontijiet u verifika.

17. L-Awtorità għandha żżomm kotba ta' kontijiet xierqa b'dak il-mod li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jidderieġi. Kontijiet bħal dawn għandhom jiġu vverifikati minn awdituri maħtura mill-Bord tal-Awtorità bi qbil tal-Ministru minn fost persuni kkwalifikati biex jiġu maħtura bħala awdituri ta' kumpanija skont dik il-liġi li tkun minn żmien għal żmien fis-seħħ f'Malta. Dawn il-kontijiet barra minn hekk għandhom ikunu soġġetti għal verifika mill-Awditur Ġenerali.

Rapport annwali.

18. (1) Il-Bord għandu malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru rapport annwali li jikkonsisti minn:

(a) kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikati mill-awdituri; u

(b) rapport dwar l-operat tal-Awtorità matul is-sena finanzjarja preċedenti.

(2) Ir-rapport annwali għandu jkun impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jasal, jew fejn il-Kamra tkun f'dak il-perjodu mhux f'sessjoni, mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' titlaqqa'.

Responsabbiltà għad-danni.

19. L-Awtorità, il-Bord, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-membri tal-persunal tad-Direttorat ma għandhomx ikunu responsabbli għad-danni għal xi ħaġa magħmula jew li tħalliet barra li ssir fit-twettiq jew pretiż twettiq ta' kwalunkwe funzjoni taħt dan l-Att sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jintwerewx li kienu saru jew tħallew barra milli jsiru b'intenzjoni ħażina jew b'negliġenza kbira.

Setgħa li jsiru regolamenti.

20. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta dan l-Att u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu għall-aħjar twettiq

ta' kull għemil li jaqa' fis-setgħat tal-Awtorità, għall-eliminazzjoni ta' diffikultajiet, għall-iffissar ta' termini ta' żmien u ta' kundizzjonijiet, fit-twettiq ta' għemil bħal dak.

TAQSIMA III
Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

Emendi tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta. Kap. 77.

21. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Ordinanza prinċipali.

22. Minnufih wara l-artikolu 8 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Dereġistrazzjoni ta' kundanni.

8A. Fejn persuna ġiet ikkundannata għal reat li jkun sussegwentement ġie dekriminalizzat jew dipenalizzat, dik il-persuna tista' tagħmel talba bil-miktub lid-dipartiment tal-gvern jew entità responsabbli mill-ħruġ ta' ċertifikati tal-kondotta, biex jiddireġistra tali kundanna miċ-ċertifikat tal-kondotta tiegħu, u l-imsemmi dipartiment jew entità għandu, hekk kif jiġi aċċertat li r-reat ġie hekk dekriminalizzat jew dipenalizzat, jaċċetta t-talba ta' dik il-persuna, u jwettaq tali dereġistrazzjoni.".

TAQSIMA IV
Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży

Emendi tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży. Kap. 101.

23. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Ordinanza prinċipali.

24. L-artikolu 2 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "droga" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*Cannabis*" tfisser il-fjoritura u l-weraq ta' kwalunkwe pjanta tal-ġenus kannabis u tinkludi kwalunkwe raża tal-istess pjanta u kwalunkwe preparazzjoni maħruġa mill-istess pjanta, iżda ma tinkludix iż-żerriegħa tagħha, jew prodotti tal-kannabinojdi li ma jkunx fihom iktar minn żero punt tnejn (0.2) fil-mija ta' tetrahydrocannabinoil (THC);"; u

(b) it-tifsira "qanneb indjan" għandha tiġi mħassra.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda ġenerali fl-Ordinanza prinċipali.

25. Fl-Ordinanza prinċipali, il-kliem "qanneb indjan", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "*Cannabis*" kull fejn jinsabu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' din id-dispożizzjoni, fil-postijiet imsemmija kif ġej:

(a) fit-titolu tat-Taqsima III;

(b) fit-tifsira "mediċina perikoluża" fl-artikolu 12, il-kliem "meħuda mill-qanneb Indjan", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "meħuda mill-*Cannabis*"; u

(ċ) fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda, il-kliem "*CANNABIS* (Qanneb Indjan)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "*CANNABIS*".

TAQSIMA V
Emendi għall-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja

Emendi tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

26. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u għandha tinqara u tinfthiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali.

27. L-Iskeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-tielet kolonna tal-partita mal-Ordinanza dwar Mediċini Perikoluż (Kap. 101), il-kliem "jew tlieta punt ħamsa grammi ta' droga kannabis" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew aktar minn seba' grammi iżda mhux aktar minn tmienja u għoxrin gramma tad-droga kannabis"; u

(b) minnufih wara l-kliem "Regolamenti dwar l-Immaniġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni" għandu jiżdied dan li ġej:

"Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)	Kap. 537	Artikoli 4, 4A, 7A.".

TAQSIMA VI
Emendi għall-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)

Emendi tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Kap. 537.

28. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

29. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi ta' kull droga minbarra d-droġa kannabis jew tlieta punt ħamsa grammi tad-droġa kannabis jew żewġ pilloli tal-'ecstacy' jew żewg pilloli projbiti oħra" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar u s-subartikoli (3), (4) u (5) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3) u (4) rispettivament;

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "skont it-termini tas-subartikoli (1) jew (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont is-subartikolu (1)";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "skont it-termini tas-subartikoli (1) jew (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont is-subartikolu (1)"; u

(e) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "kif previst fis-subartikoli (1) u (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif provdut fis-subartikolu (1)".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

30. Minnufih wara l-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-

artikolu ġdid li ġej:

"Pussess għall-użu personali u konsum tad-droga kannabis.

4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis:

Iżda kwalunkwe persuna taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena li tinstab b'tali pussess tad-droga kannabis għandha tkun soġġetta li tiġi mħarrka biex tidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja li, wara li jieħu nota tal-każ, jista' jipproponi li tali persuna tissottometti ruħha għal pjan ta' kura jew trattament. Meta jagħmel din il-proposta, il-Kummissarju għall-Ġustizzja jista' jikkonsulta mal-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u ma' kwalunkwe persuna oħra jew awtorità pubblika kif il-Kummissarju għall-Ġustizzja jqis xieraq.

(2) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet tad-droga tkun tikkonsisti f'akkuża ta' pussess tad-droga kannabis fi kwantità ta' aktar minn seba' grammi iżda mhux aktar minn tmienja u għoxrin gramma, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u, meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga, teħel penali bejn ħamsin euro (€50) u mitt euro (€100):

Kap. 291.

Iżda l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest ħlief fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija tat-droga kannabis.

(3) Persuna illi tikkonsma d-droga kannabis, b'mod ieħor ħlief kif awtorizzata minħabba raġunijiet mediċi, f'post pubbliku, li jinkludi kwalunkwe post li l-pubbliku għandu aċċess jew jista' jaċċessa b'pagament jew b'mod ieħor, teħel meta tinsab ħatja penali ta' mitejn u ħamsa u tletin euro (€235), li tkun imposta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

Kap. 291.

(4) Persuna illi tikkonsma d-droga kannabis fi kwalunkwe post, pubbliku jew privat, fil-preżenza ta' persuna taħt it-tmintax (18)-il sena filwaqt li tkun taf li dik il-persuna għandha inqas minn tmintax (18)-il sena teħel meta tinstab ħatja penali ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) u mhux aktar minn ħames mitt euro (€500), li tkun imposta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

(5) F'kull ċirkostanza msemmija fis-subartikoli preċedenti ta' dan l-artikolu, id-droga kannabis għandha tiġi maqbuda mill-Pulizija Eżekuttiva biss jekk tkun fi kwantità ta' iżjed minn seba' grammi jew fejn ikun hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija tal-istess droga. Wara li tiġi esebita waqt il-proċeduri, id-droga maqbuda għandha tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex tiġi meqruda. Għandha tinżamm nota ta' dan il-fatt.

(6) Persuna 'l fuq mit-tmintax (18)-il sena mixlija bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ħlief ksur tas-subartikolu (4), tista', sakemm il-penali mhijiex kontestata, tħallas kwalunkwe penali dovuta fil-minimu tagħha permezz ta' mezzi elettroniċi u mingħajr proċeduri quddiem il-Kummissarju, fi kwalunkwe post u b'dak il-mod kif il-Ministru jista' jistabbilixxi.".

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

31. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis għall-użu personali.

7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena, fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizz ta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali kultivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:

Iżda:

(a) tali kultivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:

Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma.

(2) Dan l-artikolu ma għandu bl-ebda mod jinftiehem li qiegħed jawtorizza l-kultivazzjoni ta' aktar minn erba' pjanti tal-pjanta tal-kannabis u dan irrispettivament min-numru ta' residenti fl-istess indirizz residenzjali u irrispettivament mir-razza ta' tali pjanti.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 7A, "kannabis niexfa" tfisser il-fjoritura niexfa u weraq niexef tal-pjanta tal-kannabis.

Organizzazzjonijiet ta' individwi.

7A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra, tkun tista' titwaqqaf, u individwu jista' jkun membru ta', organizzazzjoni li l-isħubija fiha tkun tikkonsisti biss minn individwi, fil-kapaċità personali tagħhom u li jkunu qegħdin jaġixxu biss f'isimhom, illi l-għan uniku tagħha jkun li tikkultiva l-pjanta kannabis esklussivament għall-membri tagħha b'mod kollettiv biex tqassamha biss lil dawk il-membri.

(2) Organizzazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha tkun reġistrata mal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u qabel ma tibda topera għandha tottjeni l-permess biex topera minn dik l-Awtorità, liema permess jista' jkun soġġett għal kondizzjonijiet ġenerali jew partikolari;

Kap. 492.

(b) għandha tkun immexxija b'mod mhux għall-profitt skont it-tifsira fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji b'mod illi d-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Skeda ta' dak l-Att għandhom *mutatis mutandis* u sa fejn jistgħu jkunu applikabbli, japplikaw għal dik l-organizzazzjoni;

(ċ) għandha tqassam il-kannabis biss lill-membri tagħha u ma tista' tippermetti lil ħadd li ma jkunx membru tagħha li jkun preżenti f'xi fond immexxi minnha;

(d) għandu jkollha marki distintivi fuq il-kontenituri li fihom tqassam il-kannabis b'mod li jkun jista' jiġi identifikat li dawn tqassmu minnha u għandha twettaq kontrolli dwar il-kwalità tal-kannabis imqassma;

(e) ma għandux ikollha iżjed minn ħames mitt (500) membru jew minn dak in-numru ieħor ta' membri illi l-Ministru jew l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis għal dak l-għan jistgħu jiddeterminaw b'ordni fil-Gazzetta;

(f) ma għandhiex titħalla tirreklama l-attivitajiet tagħha bl-ebda mod u ebda indikazzjoni b'sinjali, kliem jew disinji jew mod ieħor ta' attivitajiet relatati mal-kannabis jew mal kultura tal-kannabis ma jkunu jistgħu jintwerew minn xi fond immexxi mill-organizzazzjoni fuq barra jew b'mod li jidher minn barra;

(g) kull fond immexxi mill-organizzazzjoni ma għandux ikun f'distanza ta' anqas minn mitejn u ħamsin metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ;

(h) għandha tiżgura illi l-preżenza ta' fond immexxi minnha ma jikkaġunax fastidju fil-lokalità fejn ikun, inkluż ukoll fastidju bi tlajjar, u tiżgura li kull fond immexxi minnha jkun konformi ma' kull liġi u regolament dwar is-saħħa u s-sigurtà kif fis-seħħ minn żmien għal żmien;

(i) li l-persuni li jmexxu l-organizzazzjoni u l-persuni li jagħtu servizz fil-fond immexxi minnha għandhom ikunu ta' kondotta tajba u l-organizzazzjoni għandha tirreġistrahom bħala tali mal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(j) illi ebda persuna taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena ma tista' tkun membru tal-organizzazzjoni jew tkun preżenti f'xi fond immexxi minnha;

(k) li fl-ebda waqt ma jkollha f'xi fond immexxi minnha jew fil-pussess tagħha aktar minn ħames mitt gramma ta' kannabis imnixxef;

(l) illi ma tikkoltivax aktar pjanti tal-kannabis minn dak l-ammont illi jkun awtorizzat mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis; u li ssegwi l-kundizzjonjiet u l-kontrolli kollha hekk kif dik l-Awtorità tista' timponi inklużi kondizzjonijiet dwar il-postijiet fejn tista' ssir il-koltivazzjoni, fejn jiġu imnixxfa l-pjanti tal-kannabis u kif jiġu trasportati;

(m) li l-kannabis li titqassam lill-membri trid tkun ġo kontenitur issiġillat u l-għamla tiegħu u l-kliem jew disinn li jkun hemm miktub jew stampat fuqu jridu jkunu approvati mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis;

(n) illi ebda prodotti alkoħoliċi ma għandhom jinbigħu mill-fond immexxi mill-organizzazzjoni;

(o) li l-organizzazzjoni tikkoopera bi sħiħ u onestament f'kull ħin fl-ispezzjonijiet li jistgħu jsiru fuqha minn żmien għal żmien mill-awtoritajiet pubbliċi, inklużi wkoll spezzjonijiet li jsiru bil-għan li jiġi kontrollat xi kwantità u kwalità ta' kannabis tkun qiegħda titqassam lill-membri tal-organizzazzjoni u biex tiġi stabbilita li l-liġi qiegħda tiġi osservata;

(p) illi kull tliet (3) xhur tagħti rendikont bil-miktub lill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis dwar il-kwantità ta' kannabis li tkun ġiet imqassma fost il-membri tal-organizzazzjoni, u dwar in-numru ta' membri tal-organizzazzjoni mingħajr ma jingħataw id-dettalji personali tagħhom;

(q) li żżomm reġistru tal-membri tagħha liema reġistru għandu jkollu bħala minimu l-ismijiet u kopja tal-karta tal-identità jew ta' dokument tal-identità uffiċjali ieħor jew tal-passaport tal-istess membri. Dak ir-reġistru għandu jinżamm b'mod li jkun konformi mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data kif applikabbli minn żmien għal żmien;

(r) li ma għandhiex tippermetti illi l-istess membru jakkwista aktar minn seba' grammi ta' kannabis f'ġurnata waħda jew aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis f'perjodu ta' xahar kalendarju;

(s) li ma għandhiex taċċetta bħala membri tagħha jew li jibqgħu membri tagħha persuni li jkunu membri ta' organizzazzjoni oħra tal-istess tip;

(t) li tosserva l-kondizzjonijiet kollha kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista', permezz ta' regolamenti li jistgħu jinħarġu bis-saħħa ta' dan l-artikolu, minn żmien għall-żmien jistabbilixxi;

(u) li s-sidien, it-tmexxija u l-isħubija tal-organizzazzjoni jkunu jikkonsistu biss f'individwi u ma għandhomx jinkludu persuni ġuridiċi jew entitajiet legali oħra.

(3) Kull organizzazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) għandha titħalla tqassam żerriegħa tal-pjanta kannabis li ma tkunx ġiet sterilizzata lill-membri tagħha f'pakketti ssiġillati li dwar l-għamla u l-preżentazzjoni tagħhom għandu japplika *mutatis mutandis* il-paragrafu (m) tas-subartikolu (2) f'ammont totali ta' mhux aktar minn għoxrin żerriegħa kull xahar kalendarju lil kull membru.

(4) Kull persuna li tippermetti illi persuna ta' taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena tkun preżenti ġewwa fond immexxi minn organizzazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) teħel meta tinstab ħatja penali ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elf euro (€1,000) li għandha tkun imposta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-Att dwar l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu wkoll jipprovdu dwar il-mod kif u r-raġunijiet li għalihom tinħareġ, tiġi soġġetta għal kondizzjonijiet oħra, u f'każ ta' ksur ta' liġi jew regolamenti, tiġi rtirata jew sospiża kull awtorizzazzjoni, permess jew liċenzja relatata mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-drittijiet li jkunu jridu jitħallsu għall-awtorizzazzjonijiet, permessi jew liċenzji u l-penali li jkun soġġett għalihom kull min ma josservax il-liġi jew

ir-regolamenti liema penali ma jkunux jistgħu jaqbżu penali ta' għaxart elef euro (€10,000) u għandhom jiġu imposti wara proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji
Kap. 291. għall-Ġustizzja.

(6) Kull organizzazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) u kull membru tagħha li fl-attività tagħhom josservaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u kull regolamenti, kondizzjonjiet jew ordnijet maħruġa taħtu jkunu tollerati fl-attività tagħhom fil-limiti ta' dak li jipprovdi dan l-artikolu u jkunu eżenti milli jittieħdu proċeduri kontra tagħhom taħt dan l-Att jew taħt il-liġijiet dwar id-droga għal dak li jkunu għamlu skont dan l-artikolu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 530 tal-14 ta' Diċembru, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati